10 ta’ Gunju 2010

Ref. 5/194/04

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 40**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 8 ta’ Gunju 2010 , Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u l-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsillier Borg Myatt w l-Kunsilliera Ebejer kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-Laqgha.

**1) Korrispondenza**

**1.1 – Ittra mill-Blind Sailing Comitee** biex il-Kunsill jghinhom jiehdu sehem f’ kompetizzjoni barra minn Malta billi jmorru jsuqu yacht u jinzlu biex hawn malta.
Il-Membri tal-kunsill approvaw.

**1.2 – Ittra mill-Green Mt** biex issir l-iffirmar tal-Kuntratt. Is-Sindku qal li wara li iltaqgha maghhom hu iddiskuta sewwa id-dettalji tal-kuntratt ser imur hu s-segretarju jiffirmawh.

1.21 - Il-Kunsillier Dalli qal li kuntratt m’ghandux issir ghal aktar minn sena. Huwa kompla jghid li hu personali m’ghandux x’jaqsam ma dan l-kuntratt.

**1.3 Ittra mill-Ghaqda Socjali Kristu Sultan** qeghdin jitlobu permess biex jkun jistghu jorgnizza tombola fil-Pjazza Zghira fi Pjazza Antoine De Paule tul ix-xaghar ta' Gunju, Lulju, Awissu 2010. Il-Membri tal-Kunsill approvaw dan il-permess.

**2) Jum Paola**

2.1- Il-Kunsillier Lynch issugerixxa li ghal din is-sena Jum Paola issir is-Sibt 17ta' Lulju 2010 billi naghmlu quddiesa imbaghad wara reception. Huwa issugerrixxa li ghal Gieh Jum Paola din is-sena jinghata lill-Perit Lawrence Mintoff u is-Sur George Cilia.

2.2 – Is-Sindku issugerixxa li nghatu premju lit-Team tal-Woman Hibs Basketball talli rebhu il-kampjonata din is-sena. Il-Membri tal-kunsill approvaw.

2.3 – Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera qablu li ghal din is-sena il-Progamm ghal Jum Paola jsir flimkien mal-attivata tat-30 ta' Gunju biex ma naghmlux hafna spejjez .

**3) Kumitat tal-Finanzi**

Is-Segretarju qal li l-Kunsill qieghed jahdem bla business plan ghalhekk importani li jinhatar dan il-kumitat tal-finanzi.

Is-Sindku ressaq l-ismijiet tan-nies li jrid li jidhlu f'dan il-Kumitat. Dawn huma is-Segretarju l-Accountant tal-Kunsill is-Sindku il-Kunsillier Dalli il-Kunsillier Borg Myatt is-sur Sru Salvu Sant u s-Sur Andre Grima. Il-membri tal-kunsill approvaw dawn in-nies.

Is-Sindku qal li fil-futur biex issir progett irridu nitolbu parir lill-Kumitat tal-Finanzi qabel napprovawh.

Il-Kunsillier Dalli qal li nridu ngibu t-*terms of reference* fuqiex jista jahdem dan il-Kumitat tal-finanzi.

**4) Tenders**

Is-Segretarju ressaq lista ta' tenders li ghalqu u li l-Kunsill suppost jerga johroghom minhabba li ghalqu tlett snin

Il-Kunsillier Dalli qal li t-tenders jridu johorgu xaghar qabel u jidhru fil-gazzetta tal-Gvern

Il-Kunsillier Dalli issugerixxa li ghal Gnien Pawlu Boffa nohorgu expression of interest halli l-affarijiet issiru aktar malajr.

Is-Sindku issugerixxa li nohorgu Tender ghal Refurbishment Latrina minhabba li l-Kunsill ghandu jiehu 9000 ewro ghaliha.

Il-membri tal-Kunsill iddecidew li johorgu dawn it-Tenders li gejjin:

Tender Accountant
Tender Advocate
Tender Architect
Quotation tal-Maid

Il-membri tal-Kunsill iddecidew li s-Sindku l-Kunsillier Seychell u l-Kunsillier Dalli jevalwaw it-Tenders tal-Bulky Refuse, Soft Area u Paola Market

Il-Laqgha giet maghluqa fit-7.00 pm u aggornata ghat-15 ta' Gunju 2010 fis-6.00pm.

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ___________ | ________________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |